# LECTIO DIVINA

# L-GĦAXAR ĦADD MATUL IS-SENA (C)

## Lq 7,11-17

Din hija silta tipikament ta' Luqa, tant li ma nsibuhiex fil-vanġeli sinottiċi l-oħra. L-analiżi narrattiva tas-silta twassalna biex naqsmu s-silta fi tliet partijiet: żewġ versi introduttivi (v. 11-12); tliet versi li jirrakkuntaw l-azzjoni ta' Ġesù (v. 13-15) u l-aħħar żewġ versi li jagħtuna r-reazzjoni ta' biża' u tifħir, flimkien mal-fama ta' Ġesù li kienet qiegħda tinfirex ma' kullimkien (v. 14-17).

Fil-bidu d-deskrizzjoni tal-persunaġġi joħolqu paralleliżmu evidenti – Ġesù, id-dixxipli u l-folla kbira flimkien miegħu, f'kuntrast mal-korteo funebri tal-omm armla flimkien man-nies tal-belt.

Imma hemm differenza notevoli għax iż-żewġ gruppi għandhom differenza opposta. L-ewwel grupp li jinsab fil-vjaġġ, huwa miexi wara l-Imgħallem waqt li t-tieni grupp jifforma purċissjoni ta' luttu u ta' mewt. Dan it-tieni grupp iħallina bla kliem l-aktar quddiem il-fatt tal-mewt ta' żagħżugħ, liema mewt hija dejjem traġika f'dik l-età. Aktar minn hekk huwa tifel waħdu u ommu hija armla, hekk li t-traġedja tikber għax huwa l-unika għożża ta' din l-omm, u l-unika garanzija għall-futur tagħha u għall-anzjanità tagħha. Hija tisfa' bla protezzjoni u mingħajr appoġġ finanzjarju. Hija ppruvata fis-sentimenti, fl-affetti, fil-qagħda soċjali u ekonomika u fit-tama u s-sens tal-ħajja tagħha.

Il-Vanġelu ma jagħtiniex ħjiel tas-sentimenti tan-nies. Ma nafux jekk il-mara hix tibki jew ssofri, jew liema huma l-ħsibijiet tal-folla. Dan biex tingħata attenzjoni akbar lis-sentimenti ta' Ġesù, hekk li dan is-skiet tar-rakkont huwa maħsub biex tidher il-ħniena u l-kompassjoni fl-imġieba ta' Ġesù.

L-inizjattiva dejjem jeħodha Ġesù – li kieku kompla fi triqtu bla ma waqaf, ħadd minn dawn in-nies ma kien iġarrab it-tama u l-ferħ li Ġesù biss jista' jagħti. Ġesù jara x-xena, jintebaħ b'dak li kien qiegħed jiġri u għalhekk jieqaf (niftakru fil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb - Lq 10).

**v. 11-12: "F'dak iż-żmien, Ġesù mar f'belt jisimha Najn, u marru miegħu d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies. Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu, mara armla, ma kellhiex ħliefu; u magħha kien hemm għadd ġmielu ta' nies mill-belt."**

Il-profeti kienu xebbħu r-relazzjoni bejn Alla u l-poplu tiegħu maż-żwieġ. Alla huwa l-għarus u Iżrael huwa l-għarusa tiegħu. Imma frott ta' ħafna infedeltajiet, dan iż-żwieġ spiċċa fix-xejn, u l-poplu ta' Iżrael sar meqjus daqs armla, mingħajr raġel. Dan huwa l-kuntest bibliku li jgħinna nifhmu dan ir-rakkont. Fuq kollox dan ir-rakkont huwa mifhum aħjar ma' dak li nsibu qabel f'San Luqa meta Ġesù jiġi msejjaħ miċ-ċenturjun biex ifejjaqlu l-qaddej. Ġesù jfaħħar il-fidi tiegħu u jistqarr: "F'ħadd f'Iżrael ma sibt fidi bħal din." Mela Luqa jrid jippreżentalna s-sitwazzjoni li jinsab fiha l-poplu ta' Iżrael, poplu mingħajr fidi u bħala konsegwenza mingħajr tama.

Dan huwa poplu li ma jafx jekk mhux għajr li jirrepeti ritwali ta' mewt, li huma inutli u ma jiswew għal xejn. Din hija reliġjon skjava tal-mewt.

Niftakru li Ġesù jinsab fil-vjaġġ il-kbir li jrid iwasslu Ġerusalemm u fi triqtu jiltaqa' ma' triqat il-poplu u jieqaf biex jgħinhom. Jekk triqtna ma tlaqqagħnix mal-oħrajn ifisser li m'aħniex fit-triq ta' Kristu!

**v. 13-15: "Kif raha l-Mulej tħassarha u qalilha: "Tibkix!" Resaq, u mess it-tebut. Dawk li kienu qegħdin jerfgħuh waqfu. U hu qal: "Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!" U l-mejjet qam bilqiegħda u beda jitkellem. U Ġesù tah lil ommu."**

Mal-vers 13 tibda l-ġrajja fiha nfisha għaliex Ġesù jara l-korteo funebri u jsegwu l-kliem u l-azzjonijiet tiegħu. Il-ħarsa tiegħu mhix indifferenti quddiem il-miżerja imma mingħajr ma jieqaf fil-kommozzjoni jew f'xi kelma sempliċi ta' faraġ, imma d-dehra twasslu biex jerfa' s-sitwazzjoni u jimmotiva lilu nnifsu biex jiltaqa', jibni relazzjoni, u jwassal għall-ħajja vera.

Il-ħarsa ta' Ġesù ma tmurx lejn it-tifel mejjet imma lejn l-omm: mhix il-mewt li tqanqal il-ħniena imma l-omm li tibki. It-tbatija ta' din l-omm hija insopportabbli għal Ġesù. Ġesù huwa l-profeta u l-Messija li b'mod straordinarju huwa nteressat minn dawk li huma l-aktar fil-miżerja, waqt li juri l-ħniena ta' Alla li tieħu ħsieb il-bżonnijiet fiżiċi u spiritwali tal-bniedem. Biex jesprimi l-ħniena u l-kompassjoni ta' Ġesù, Luqa juża' l-verb *splagnizomai*, li jirreferi għall-ġewwieni tal-bniedem bħala l-post fejn joriġinaw is-sentimenti l-aktar profondi tal-bniedem. Dan il-verb jintuża darbtejn oħra: fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (Lq10,33) u tal-Iben il-Ħali (Lq 15,20). Dan il-verb jindika azzjoni divina li tidher kemm fis-samaritan kif ukoll fil-missier tal-parabbola.

Ġesù joqrob lejn it-tebut, mingħajr biża’ li se jikser xi konvenzjoni soċjali jew xi purità ritwali. Għalih huwa aktar importanti li jkattar il-ħajja, jagħti attenzjoni lill-persuna, ifarraġ mara omm fil-luttu - aktar milli josserva preċetti esterjuri. Hekk juri l-bniedem bħala l-prijorità waħdanija, u għalhekk l-ewwel ħaġa li jagħmel, hu li jindirizza lill-omm u jgħidilha: Tibkix!
Ġesù ma jiqafx mal-kompassjoni imma għandu l-qawwa wkoll li jibdel il-ġrajjiet. Jgħid liż-żagħżugħ biex iqum. Il-verb jirreferi għall-qawmien ta’ Kristu imma wkoll jindika l-qawwa ta’ ħajja ġdida li l-Kelma ta’ Ġesù trodd lill-bniedem.

**v. 15b** Ġesù jrodd l-iben lill-omm u b’dan il-ġest jagħti mill-ġdid l-identità lill-omm u lill-iben. Il-mewt kienet kisret din ir-relazzjoni imma Ġesù jerġa’ jwaqqaf dak li nkiser. L-opra ta’ Alla hija akbar mill-mewt u jista’ jagħtina ħajja ġdida bil-fidi. Ġesù huwa dak li jagħti t-tama lill-poplu kollu ta’ Iżrael u jassiguralu l-ġejjieni.

**v. 16-17: “In-nies kollha tkexkxu bil-biża’, u bdew jagħtu glorja lil Alla u jgħidu: “Profeta kbir qam fostna!” u: “Alla żar il-poplu tiegħu.” U dan il-kliem li qalu xtered mal-Lhudija u dawk l-inħawi kollha.”**
Dawn il-vrus jagħtuna l-effetti tal-ħidma ta’ Ġesù: l-ewwel kien hemm żewġ folol distini minn xulxin f’direzzjonijiet opposti, mingħajr raġuni biex jikkomunikaw bejniethom. Issa għandna folla waħda, magħquda fit-tifħir lil Alla. Din il-folla tingħaraf mil-lingwaġġ ta’ radd il-ħajr. Il-ħidma ta’ Ġesù tgħaqqad gruppi estraneji għal xulxin u tippermetti armonija, komunikazzjoni u għaqda.
Luqa jibni dan ir-rakkont f’xebh kbir ma’ dak li nsibu fl-ewwel ktieb tas-Slaten kap 17 meta l-profeta Elija jqajjem mill-mewt lit-tifel tal-armla ta’ Sarefta. Għalhekk in-nies jorbtu din il-ġrajja ma’ dan ir-rakkont bibliku u jaraw f’Ġesù Elija l-ġdid li kellu jħejji t-triq għall-Messija. Alla qiegħed jżur il-poplu tiegħu u l-veru qawmien iġarrbu mhux tant it-tifel imma l-poplu kollu li jinsab f’kundizzjoni ta’ mewt u ta’ dlam. Quddiem dan kollu mhemmx isbah milli jkollna s-sentimenti ta’ Żakkarija: “Imbierek il-Mulej Alla ta’ Iżrael għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu, u waqqaf għalina qawwa ta’ salvazzjoni f’dar David qaddej tiegħu.”